MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 36/1998/1

**Charles u Neville ahwa Zammit Tabona**

**vs**

**Alfrida Walker, Godfrey Gauci, Anthony Gauci, Monica Caruana, Paul Gauci, Maria Dolores sive Dorothy Formosa, Elizabeth Pace, Antoinette Ciantar, Edward Gauci u Rita Caruana**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi r-rikorrenti jikru lill-intimati l-fond adebit bhala hanut numru erba u ghoxrin (24), Locker Street – Sliema, bil-kera ta’ sitta u ghoxrin lira ta’ Malta (Lm26) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem l-ewwel skadenza dovuta fl-1 ta’ Lulju, 1998.

Illi l-intimati uzaw il-fond xort' ohra milli ghall-iskop li gie lilhom mikri fis-sens illi dawn l-ahhar snin zammewh maghluq; b'hekk biddlu d-destinazzjoni u dana jintitola lis-sidien ta' l-istess hanut jitolbu ir-ripresa tal-istess.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett kollu illi dana il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tal-fond 24, Locker Street, Sliema bl-ispejjez kontra l-intimati.

Ra r-risposta

Illi preliminarjament in-nullita' ta' rikors stante illi l-intimati jikru zewg fondi b'kirja unika u cjoe l-fond 23 Locker Street u l-fond No. 2 Dragut Street, Sliema versu l-kera unika ta' hamsin lira fis-sena.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, m'huwiex minnu li l-esponenti biddlu d-destinazzjoni tal-fond u konsegwentement it-talba ta' rikorrenti ghandha tigi michuda.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti u l-atti.

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati.

Ra l-verbal tal-25 ta' Settembru, 2002.

Ikkunsidra,

1. Dan ir-rikors mexa kontestwalment mar-rikors numru 35B/98 li hu dwar il-fond 2, Triq il-Ponte ta' Dragut Tas-Sliema. Mir-ricevuti esebiti mill-intimati jirrizulta li z-zewg fondi huma l-oggett ta' kirja wahda. Dan jghidu ukoll ir-rikorrent Charles Zammit Tabona (fol 17).

"Il-lokazzjoni in kwistjoni saret ghall-habta ta' l-ahhar tas-snin erbghin jum bidu tas-snin hamsin u kienet saret mill-papa' tieghi li kien jismu Arthur Zammit Tabona u gie mikri lil Edmond Gauci li huwa missier l-intimat. Kien krielhom

hemm il-hanut (24, Locker Street, Tas-Sliema) u hemm il-garage (2, Triq il-Ponta ta' Dragut Tas-Sliema".

2. Il-fondi jinfdu ma' xulxin. Il-Periti (fol 31) jghidu li sar "ghamla ta' bieb fil-bejt ta' l-appogg …".

3. Jirrizulta li hemm 'si tratte' ta' kirja wahda. L-intimati ecepew in-nullita' tar-rikors ghax huma "jikru zewg fondi b'kirja unika". La dawn iz-zewg rikorsi imxew kontestwalment bi qbil bejn il-partijiet il-Bord jidhirlu li ghall-ekonomija tal-gjudizzju m'ghandux jilqa' din l-eccezzjoni u ghalhekk qed jichadha.

4. Ir-rikorrenti jirreferu ghall-fond bhala 'garage' u 'l-intimata uzaw il-fond xort'ohra milli ghall-iskop li gie lilhom mikri".

5. Il-kelma 'garage' li dahlet fl-ilisen Malti mill-Ingliz tista' tfisser hafna affarijiet. L-importanti hu l-ftehim bejn il-partijiet. Dan il-post qatt ma ntuza biex fih jitqieghdu karozzi. Jirrizulta li kien mahzen, fond fejn tinzam merkanzija. Mahzen biex jintuza mhux bilfors jinfetah kuljum. Aktarx li zmien twil ilu f'dan il-fond kienet tinzamm merkanzija li kellha x'taqsam max-xoghol ta' hajjat. Meta l-fond l-iehor beda' jintuza bhala mahzen, dan baqa' jintuza ghall-istess ghan. Li seta' gara li tbiddlet is-sura tal-merkanzija u bdiet tintuza vettura biex tingarr il-merkanzija. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza fl-istess ismijiet moghtija llum dwar il-fond 24, Locker Street, Tas-Sliema fejn gie mfisser fid-dettal x'gara dwar l-uzu tal-fond l-iehor fejn tirrizulta akkwiexxenza (seta' wkoll sar ftehim) da parti tas-sid/sidien. Barra hekk dan il-fond qatt ma kien 'maghluq' kif jinghad fir-rikors. Fih dejjem inhaznet u ghada tinhazen merkanzija kif jirrizulta mill-provi u mir-rapport tal-periti.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------